(iii) (a) in possession of a certificate of completion of training (CCT) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta, which shows that the applicant has completed such specialist training as may be prescribed for Chemical Pathology; or

(b) in possession of a specialist qualification equivalent to the CCT for the relevant specialty, which is issued by the competent authority in another EU member state, as

tal-Unjoni Ewropea, kif indikat f'parti 1(b) tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; jew

(c) ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalista fuq kundizzjoni li ma' din tinhemeż dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li tiddikjara li l-kwalifiki/esperjenza miksuba huma suffiċjenti sabiex tabib ikun irreġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala Speċjalista tal-*Chemical Pathology*.

4.3 L-applikanti magħżula li jkunu eliġibbli taħt paragrafu 4.2 (ii) u paragrafu 4.2 (iii) hawn fuq iridu jkunu mniżżlin fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

4.4 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii)(b) u paragrafu 4.2 (iii)(c) hawn fuq iridu jiksbu ittra ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki miksuba jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għas-*Certificate of Completion of Training (CCT)* maħruġ mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta. F'każ ta' diffikultà, il-parir tal-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta għandu jintalab.

Sabiex tiġi ffaċilitata r-referenza, il-*website* tal-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta tista' tiġi kkonsultata fuq:

https://ehealth.gov.mt/healthportal/others/regulatory_councils/medical_specialists_accreditat/med_specialists_accreditation.aspx

4.5 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii)(b) u paragrafu 4.2 (iii)(c), u li jkunu jridu jippreżentaw dikjarazzjoni mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti kif mitlub fil-paragrafu 4.4 għandhom jinkludu kopja ta' din id-dikjarazzjoni mal-applikazzjoni u jippreżentaw l-oriġinali waqt l-intervista. Kandidati li ma jkunux fil-pussess ta' din id-dikjarazzjoni xorta jistgħu japplikaw, basta jissotomettu kopja ta' din id-dikjarazzjoni hekk kif din tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u f'ebda ċirkustanza mhux aktar tard minn xahar tad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għall-estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu, għandhom jiġu sottomessi għall-konsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

4.6 Kandidati li ma jkunux għadhom ġabu ċ-ċertifikazzjoni msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti taċ-

listed in Part Ib of the Second Schedule of the Health Care Professions Act of Malta; or

(c) in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in Chemical Pathology.

4.3 Successful candidates eligible under paragraph 4.2 (ii) and paragraph 4.2 (iii) above must be listed in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta before appointment.

4.4 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii)(b) and paragraph 4.2 (iii)(c) above must obtain a recognition statement from the Specialist Accreditation Committee of Malta confirming that their qualifications may be considered as an equivalent to the certificate of completion of training (CCT) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta. In case of any difficulty, the advice of the Specialist Accreditation Committee of Malta is to be sought.

For ease of reference, the website of the Specialist Accreditation Committee of Malta may be consulted at:

https://ehealth.gov.mt/healthportal/others/regulatory_councils/medical_specialists_accreditat/med_specialists_accreditation.aspx

4.5 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii)(b) or paragraph 4.2 (iii)(c) and who are required to present a statement by the Specialist Accreditation Committee as specified in paragraph 4.4 should include a copy of that statement with their application and present the original at the interview. Candidates not in possession of the required statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement as soon as it is available and, in any case, by not later than the closing date of this call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for an extension beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

4.6 Candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned certification will still be considered, provided that they submit evidence that they have been

ċertifikazzjoni msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.7 Applikanti jridu jkunu wkoll ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.8 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiziti stipulati f'paragrafu 4.1 sa 4.7, għandhom esperjenza relevanti ppruvata.

4.9 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/ jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tinthemeż mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista għall-verifikazzjoni.

Proċeduri tal-għażla

6. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza flimkien mal-ismijiet ta' żewġ *referees*, jintlaqgħu mid-Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani), Ministeru għas-Saħħa f'6, Sqaq Harper, Floriana, FRN 1940, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Awissu, 2013. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

approved for the award of the certification in question by the closing time and date of the call for applications.

4.7 Applicants must furthermore be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.8 Due consideration will be given to applicants who, in addition to satisfying the requirements in paragraph 4.1 to 4.7, have proven relevant work experience.

4.9 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

6. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Submission of applications

7. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience and the names and contact details of two referees, will be received by the Director (Human Resources Practices), Ministry for Health at 6, Sqaq Harper, Floriana, FRN 1940 , by not later than noon (Central European Time) of Friday 16th August, 2013. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;

pubblikazzjoni tar-riżultat;

eżami mediku;

proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati

żamma ta' dokumenti

jinsabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz: (http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) jew jinkisbu mid-Direttorat tal-Prattiki tar-Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Floriana, FRN 1940. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Direttorat riċeventi huwa +356-2123 5890 filwaqt li l-indirizz elettroniku huwa: (recruitmenthealth.mfh@gov.mt).

Is-26 ta' Lulju, 2013

MALTA-EU STEERING AND ACTION COMMITTEE (MEUSAC)

Uffiċjali Eżekuttivi (Politika u Leġiżlazzjoni tal-UE) (Żewġ vakanzi – wieħed minnhom fuq bażi *back-to-back*)

MPO/240/2008/04
ETC 195/2012

Il-kriterji tal-ingaġġ huma kif ġej:

Kuntratt: DEFINIT għal perjodu ta' tliet (3) snin.

Sigħat ta' xogħol: Minimu ta' erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa.

Kwalifiki:

L-applikanti jrid ikollhom jew *first degree* marbuta mal-Istudji Ewropej ma' università rikonoxxuta u mill-inqas sentejn (2) esperjenza relatata mal-qasam; jew kwalifika *post-graduate* marbuta mal-Istudji Ewropej, miksuba minn università rikonoxxuta, jew kwalifika komparabbli rikonoxxuta.

L-esperjenza mitluba tinkludi esperjenza ta' ħidma ma' jew f'organizzazzjonijiet mhux governattivi, dipartimenti tal-gvern, awtoritajiet jew aġenziji, jew esperjenza ma' istituzzjonijiet jew entitajiet oħra tal-UE jew relatati mal-UE, inklużi apprendistati.

submission of recognition statements in respect of qualifications;

publication of the result;

medical examination;

the process for the submission of petitions concerning the result;

access to application forms and related details;

retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address: (http://pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) or may be obtained from the Human Resources Practices Directorate, Ministry for Health, 6, Sqaq Harper, Floriana, FRN 1940. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Directorate is +356-2123 5890 and the e-mail address is: (recruitmenthealth.mfh@gov.mt).

26th July, 2013

MALTA-EU STEERING AND ACTION COMMITTEE (MEUSAC)

Executives (EU Policy and Legislation) (Two vacancies - one of which on a back-to-back basis)

MPO/240/2008/04
ETC Number 195/2012

Engagement criteria are as follows:

Contract: DEFINITE for a three (3) year period.

Hours of work: Minimum 40 hours per week.

Requirements:

Applicants must be in possession of either a first degree related to European Studies from a recognised university or a recognised comparable qualification and at least two (2) years related experience in the field; or a post-graduate degree related to European Studies from a recognised university or a recognised comparable qualification.

Related experience includes experience in working with or in non-governmental organisations, government departments, authorities or agencies, or experience with other EU or EU related institutions or entities including traineeships.

L-applikanti għandhom ikunu kapaċi wkoll jikkomunikaw tajjeb bil-Malti u bl-Ingliż.

Salarju: €18,939.02 x €486.83 - € 21,860

Benefiċċji: *Performance Bonus* ta' mhux iktar minn 10% tas-salarju bażiku u *Disturbance Allowance* ta' mhux iktar minn 15% tas-salarju bażiku.

Deskrizzjoni tal-Impjieg

Taħt it-tmexxija tal-Kap, MEUSAC u tal-Kap, Politika u Leġiżlazzjoni tal-UE, id-dmirijiet tal-Uffiċjali Eżekuttivi, Politika u Leġiżlazzjoni tal-UE, MEUSAC jinkludu dawn li ġejjin:

i. li jagħmluha ta' segretarji ta' wieħed jew iktar mill-kumitati settorjali stabbiliti mill-*Core Group* tal-MEUSAC għall-konsultazzjonijiet li jiġu assenjati lilhom mill-Kap, MEUSAC, u li jinżammu r-rekords tal-laqgħat relatati ma' dawn il-konsultazzjonijiet;

ii. li jiżguraw li d-deċiżjonijiet meħuda mill-*Core Group* jiġu implimentati;

iii. li jiżguraw li l-proċeduri stabbiliti mill-*Core Group* jiġu implimentati;

iv. li jżommu r-rekords tal-Membri ta' Interess (MI) tal-MEUSAC rappreżentati fil-kumitat/i settorjali, li jkunu assenjati lilhom, inkluż ismijiet ta' kuntatt u dettalji aġġornati;

v. li jiżguraw li l-informazzjoni relatata mal-*acquis* pendenti u l-leġiżlazzjoni tal-UE tkun disponibbli elettronikament jew b'xi mezz ieħor għall-Membri ta' Interess (MI) tal-MEUSAC rappreżentati fil-kumitat/i settorjali assenjati lilhom, skont it-termini ta' referenza stipulati għal dan il-għan mill-*Core Group*;

vi. li jikkollaboraw skont il-bżonn fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet speċjali u attivitajiet pubbliċi, inkluż programmi fuq ix-xandir, biex iqajmu u jinkoraġġixxu dibattitu pubbliku u involviment dwar suġġetti topiċi, kontroversji, direttivi u inizjattivi li jolqtu lill-UE u lill-Istati Membri;

vii. li jservi ta' punt ta' kuntatt bejn il-MEUSAC u l-Membri ta' Interess (MI) tal-MEUSAC rappreżentati fil-kumitati settorjali assenjati lilhom;

viii. li jiżguraw li l-Membri ta' Interess (MI) tal-MEUSAC rappreżentati fil-kumitati settorjali relatati magħom assenjati lilhom ikunu infurmati bl-iżviluppi u bl-inizjattivi tal-UE;

Applicants must also have the ability to communicate well in the Maltese and English languages.

Salary: €18,939.02 x €486.83 - €21,860

Benefits: Performance Allowance of up to 10% of the basic salary and Disturbance Allowance of up to 15% of basic Salary.

Job Description

Under the guidance of the Head, MEUSAC and of the Head, EU Policy and Legislation, the duties of the Executive EU Policy and Legislation, MEUSAC include the following:

i. to act as secretary to one or more of the sectoral committees established by the Core Group of MEUSAC for consultations to which he/she may be assigned by the Head, MEUSAC, and to maintain records of meetings held in the pertinent consultations;

ii. to ensure that any decisions taken by the Core Group are implemented;

iii. to ensure that procedures established by the Core Group are implemented;

iv. to maintain, with respect to the sectoral committee or sectoral committees to which he/she is assigned, a database of all the Interest Members (IMS) of MEUSAC represented in the pertinent sectoral committee or sectoral committees, including up-to-date contact names and co-ordinates;

v. to ensure that information relating to pending pipeline *acquis* and EU legislation is made available electronically or by any other means to Interest Members (IMS) of MEUSAC represented in the pertinent sectoral committee or sectoral committees to which he/she is assigned, in accordance with the terms of reference laid down for such purpose by the Core Group;

vi. to collaborate as necessary in the organisation of special events and public activities, including broadcast programmes, to highlight and encourage public debate and involvement on topical issues, controversies, directives and initiatives affecting the European Union and its Member States;

vii. to act as liaison between MEUSAC and the Interest Members (IMS) of MEUSAC represented in the pertinent sectoral committee or sectoral committees to which he/she is assigned;

viii. to ensure that Interest Members (IMS) of MEUSAC represented in the pertinent sectoral committee or sectoral committees to which he/she is assigned are kept informed on developments in, and initiatives, of the EU;

ix. li jagħmlu konsultazzjoni mal-Membri ta' Interess (MI) tal-MEUSAC rappreżentati fil-kumitati settorjali assenjati lilhom dwar inizjattivi f'Malta u l-kontribut possibbli għall-aġenda tal-UE;

x. li jaġġornaw lill-uffiċjali tal-MEUSAC dwar temi kurrenti u tħassib imressaq mill-Membri ta' Interess (MI) tal-MEUSAC rappreżentati fil-kumitati settorjali assenjati lilhom;

xi. jippreparaw rapporti minn żmien għal żmien dwar kumitati settorjali li jkunu assenjati magħhom għall-preżentazzjoni u diskussjoni waqt il-laqgħat tal-MEUSAC Steering Committee;

xii. li jassistu u jikkollaboraw fl-immaniġjar tal-informazzjoni miġbura u maħżuna relatata mal-proċess ta' konsultazzjoni dwar materji relatati mal-UE;

xiii. li jżommu lilhom infushom aġġornati mal-iżviluppi marbuta mal-politika tal-UE, b'mod partikulari f'dawk l-oqsma assenjati lilhom, u jiżguraw li jkunu infurmati tajjeb dwar il-materji ta' sustanza li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom u li jżommu lilhom infushom infurmati kontinwament fl-iżviluppi f'dawk l-oqsma;

xiv. li jidentifikaw, jassorbu u jadattaw l-informazzjoni dwar l-iżviluppi fil-politika tal-UE b'mod sempliċi u li tista' tinftiehem mill-pubbliku;

xv. li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni tal-MEUSAC skont il-ħtieġa;

xvi. li jipparteċipaw u jikkontribwixxu b'mod attiv fl-inizjattivi ta' informazzjoni tal-MEUSAC li jinkludu, imma li mhux limitati għal, dawk tal-mezzi tax-xandir kemm stampati u kemm awdjoviżivi, u kif ukoll elettroniċi;

xvii. li jżommu rekords aġġornati tal-laqgħat, mistoqsijiet, kontributi ta' artikli u mezzi oħra tax-xandir, u ħidma oħra marbuta mat-twettiq ta' dmirijiethom;

xviii. li jikkollaboraw kif meħtieġ mal-uffiċjali tal-MEUSAC li jaħdmu f'oqsma oħra fi ħdan il-MEUSAC;

xix. li jgħinu fl-iżvilupp u ż-żamma tas-sistemi ta' informazzjoni biex jiġu indirizzati l-mistoqsijiet u jipprovdu lill-gvern, lil entitajiet oħra u lill-pubbliku ġenerali bl-informazzjoni marbuta mal-UE;

xx. li jinżamm kuntatt man-netwerks tal-imsieħba u partijiet interessati oħra skont kif meħtieġ għat-twettiq ta' dmirijiethom;

ix. to consult Interest Members (IMS) of MEUSAC represented in the pertinent sectoral committee or sectoral committees to which he/she is assigned on Maltese initiatives and possible contributions to the EU agenda;

x. to provide feedback to MEUSAC officials on current issues and concerns raised by Interest Members (IMS) of MEUSAC represented in the pertinent sectoral committee or sectoral committees to which he/she is assigned;

xi. to prepare periodic reports on sectoral committee or sectoral committees to which he/she is assigned for presentation and discussion during the meetings of the MEUSAC Steering Committee;

xii. to assist and collaborate in the management of information collected and stored in relation to the consultation process on EU-related matters;

xiii. to keep abreast and monitor developments relating to EU policy, in particular to those to which he/she is assigned, ensuring that he/she is briefed appropriately on all issues of substance falling within his/her areas of responsibility and that he/she remains constantly informed of developments in those areas;

xiv. to identify, absorb and transpose information on EU policy developments in simple and reader-friendly information easily comprehended by the public;

xv. to contribute to the implementation of MEUSAC's information and communication strategy as may be necessary;

xvi. to participate in and contribute actively to MEUSAC's information initiatives including, but not limited to, those in the printed and audiovisual media as well as electronically;

xvii. to keep updated records of meetings held, queries received, contributions to articles and other media, and other work executed in the performance of his/her duties;

xviii. to collaborate as necessary with MEUSAC officers working in different areas within MEUSAC;

xix. to assist in the development and maintenance of information systems to address queries and provide government, non-government entities and the general public with EU-related information;

xx. to establish and liaise with networks of stakeholders and other interested parties as may be necessary for the implementation of his/her duties;

xxi. li jassistu u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kompetenza fi ħdan il-MEUSAC biex jitwieġbu l-mistoqsijiet dwar materji varji relatati mal-UE;

xxii. li jirrappreżentaw lill-MEUSAC u jwettqu ħidma oħra, skont kif meħtieġ u mitlub;

xxiii. li jiżguraw li s-servizzi u r-responsabbiltajiet marbuta ma' din il-pożizzjoni jitwettqu skont l-estimi approvati u skont iż-żmien stipulat;

xxiv. li jwettqu dmirijiet oħra skont kif determinat minn żmien għal żmien mill-Kap, MEUSAC u assenjati lilhom mill-Kap, MEUSAC jew mill-Kap, Politika u Leġiżlazzjoni tal-UE.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati lill-Kap tal-MEUSAC u mibgħuta bil-posta jew bl-idejn fl-uffiċċji tal-MEUSAC f'280 Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta VLT 1112 f'envelop issiġillat sa mhux iktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa, 21 ta' Awwissu, 2013. L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu wkoll elettronikament fl-indirizz (info.meusac@gov.mt). L-uffiċċji tal-MEUSAC jistgħu jiġu kuntattjati bit-telefon (00356) 2200 3300. L-Avviż sħiħ jista' jitniżżel mis-sit: (http://www.meusac.gov.mt).

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-26 ta' Lulju, 2013

xxi. to assist and contribute in the development of the necessary expertise within MEUSAC in order to be in a position to answer queries on various EU-related issues;

xxii. to represent MEUSAC and carry out such other work, as may be necessary and requested.

xxiii. to ensure the delivery of the services and overall responsibilities of this position within the approved budgets and agreed timeframes;

xxiv. to carry out other duties as may be determined from time to time by the Head, MEUSAC and assigned to him/her by the Head, MEUSAC or by the Head, EU Policy and Legislation.

Applications are to be addressed to the Head, MEUSAC and may be sent by post or delivered to MEUSAC offices at 280, Triq ir-Repubblika, Valletta VLT 1112 in a sealed envelope by not later than noon on Wednesday, 21st August, 2013. Alternatively applications can be sent via email on (info.meusac@gov.mt)**.** MEUSAC offices can be contacted via telephone on (00356) 2200 3300. The notice can be downloaded from: (http://www.meusac.gov.mt).

Late applications will not be considered.

26th July, 2013

MALTA-EU STEERING AND ACTION COMMITTEE (MEUSAC)

Uffiċjal Eżekuttiv (Fondi tal-UE)

MPO/240/2008/04
ETC Number 195/2012

Il-kriterji tal-ingaġġ huma kif ġej:

Kuntratt: DEFINIT għal perjodu ta' tliet (3) snin.

Sigħat ta' xogħol: Minimu ta' erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa.

Kwalifiki:

L-applikanti jrid ikollhom jew *first degree* marbuta mal-Istudji Ewropej u mill-inqas sentejn (2) esperjenza relatata mal-qasam; jew kwalifika *post-graduate* marbuta mal-Istudji Ewropej, miksuba minn università rikonoxxuta, jew kwalifika komparabbli rikonoxxuta.

L-esperjenza mitluba tinkludi esperjenza ta' ħidma ma' jew f'organizzazzjonijiet mhux governattivi, dipartimenti

MALTA-EU STEERING AND ACTION COMMITTEE (MEUSAC)

Executive (EU Funding)

MPO/240/2008/04
ETC Number 195/2012

Engagement criteria are as follows:

Contract: DEFINITE for a three (3) year period.

Hours of work: Minimum 40 hours per week.

Requirements:

Applicants must be in possession of either a first degree related to European Studies from a recognised university or a recognised comparable qualification and at least two (2) years related experience in the field; or a post-graduate degree related to European Studies from a recognised university or a recognised comparable qualification.

Related experience includes experience in working with or in non-governmental organisations, government

tal-gvern, awtoritajiet jew aġenziji, jew esperjenza ma' istituzzjonijiet jew entitajiet oħra tal-UE jew relatati mal-UE, inkluż apprendistati.

L-applikanti għandhom ikunu kapaċi wkoll jikkomunikaw tajjeb bil-Malti u bl-Ingliż.

Salarju: € 18,938,02 x €486.83 - € 21,860

Benefiċċji: *Performance Bonus* ta' mhux iktar minn 10% tas-salarju bażiku u *Disturbance Allowance* ta' mhux iktar minn 15% tas-salarju bażiku.

Deskrizzjoni tal-Impjieg

Id-dmirijiet prinċipali tal-Uffiċjal Eżekuttiv, Fondi tal-UE, jinkludu *inter alia* dawn li ġejjin:

i. li jassistu fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija nazzjonali dwar il-fondi f'kollaborazzjoni ma' aġenziji oħra ta' fondi nazzjonali għall-identifikazzjoni ta' opportunitajiet ta' fondi tal-UE;

ii. li jikkollaboraw u jikkomunikaw ma' Ministeri u dipartimenti tal-Gvern, mar-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-UE, mal-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej, kif ukoll mal-aġenziji nazzjonali tal-fondi bħad-Diviżjoni tal-Kordinament tal-Ippjanar u l-Prijoritajiet (PPCD) u d-Diviżjoni tal-Fondi u l-Programmi (FPD), l-Aġenzija tal-Programmi tal-UE (EUPA) u s-7 Programm Qafas fi ħdan il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST) dwar sorsi ta' opportunitajiet ta' fondi tal-UE;

iii. li jgħinu entitajiet interessati fit-tfassil ta' abbozz ta' proposti u jiżguraw il-kisba effiċjenti u effettiva tal-oġġettivi tal-programmi u inizjattivi ta' fondi tal-UE;

iv. li jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni attiva ta' entitajiet pubbliċi/privati fi programmi u inizjattivi ta' fondi tal-UE;

v. li jiżviluppaw relazzjonijiet u netwerks ma' msieħba potenzjali biex iżommu lilhom infushom aġġornati dwar tibdil ta' xejriet u strateġiji, opportunitajiet ta' dħul, ħtiġiet tekniċi u li jistabbilixxu sħubijiet effettivi u konsorzja ta' applikazzjonijiet ta' fondi;

vi. li jżommu kuntatt mal-Kummissjoni Ewropea dwar l-aspetti kollha tal-parteċipazzjoni ta' Malta fi programmi u inizjattivi tal-UE;

vii. li jassistu u jikkontribwixxu fl-iżvilupp tal-kompetenzi neċessarji fi ħdan it-taqsima tal-fondi tal-MEUSAC biex ikunu jistgħu jwieġbu mistoqsijiet dwar materji varji marbuta mal-fondi u li jkunu jistgħu jagħtu pariri fl-oqsma tal-fondi u koperazzjoni ta' negozju;

departments, authorities or agencies, or experience with other EU or EU related institutions or entities including traineeships.

Applicants must also have the ability to communicate well in the Maltese and English languages.

Salary: €18,939.02 x €486.83 - €21,860

Benefits: Performance Allowance of up to 10% of the basic salary and Disturbance Allowance of up to 15% of basic Salary.

Job Description

The main duties of the Executive EU Funding shall include *inter alia*, the following:

i. to assist in the development and implementation of a national funding strategy in collaboration with other national funding agencies for the identification of EU funding opportunities;

ii. to collaborate and network with Government Ministries and departments, the Permanent Representation of Malta to the European Union, the Ministry for European Affairs, as well as with national funding agencies such as the Planning and Priorities Co-ordination Division (PPCD) and the Funds and Programmes Division (FPD), the European Union Programmes Agency (EUPA) and the 7th EU Framework Programme within the Malta Council for Science and Technology (MCST) regarding the sourcing of EU funding opportunities;

iii. to support interested entities in the definition of draft proposals and ensure the effective and efficient attainment of the objectives of EU funding programmes and initiatives;

iv. to encourage the active participation of public/private entities in EU funding programmes and initiatives;

v. to develop relationships and networks with potential partners in order to keep abreast of changing trends and strategies, income opportunities, technical requirements and to establish effective partnerships and consortia of funding applications;

vi. to liaise with the European Commission on all aspects of Malta's participation in EU programmes and initiatives;

vii. to assist and contribute in the development of the necessary expertise within MEUSAC's funding unit in order to be in a position to answer queries on various funding issues and to take on an advisory role in the areas of funding and business co-operation;

viii. li jżommu lilhom infushom aġġornati u jsegwu l-iżviluppi fi programmi u opportunitajiet ta' fondi tal-UE u kif ukoll il-fondi strutturali u ta' koeżjoni, biex jiżguraw li jkunu infurmati kif xieraq fuq il-materji kollha ta' ċerta sejertà li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom u li jibqgħu kontinwament aġġornati bl-iżviluppi f'dawk l-oqsma;

viii. to keep abreast and monitor developments relating to EU programmes and funding opportunities, with regard to both direct funding as well as structural and cohesion funds, ensuring that one is briefed appropriately on all issues of substance falling within one's areas of responsibility and that one remains constantly informed of developments in those areas;

ix. li jidentifikaw, jassorbu u jgħaddu l-informazzjoni dwar programmi u opportunitajiet ta' fondi tal-UE b'mod sempliċi u li tista' tinftiehem mill-pubbliku;

ix. to identify, absorb and transpose information on EU programmes and funding opportunities in simple and reader-friendly information easily comprehended by the public;

x. li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni tal-MEUSAC, inkluż id-disseminazzjoni ta' stejjer ta' suċċess, skont il-ħtieġa;

x. to contribute to the implementation of MEUSAC's information and communication strategy, including the dissemination of success stories, as may be necessary;

xi. li jipparteċipaw u jikkontribwixxu b'mod attiv għal inizjattivi ta' informazzjoni tal-MEUSAC li jinkludu - imma mhux limitati għal - dawk fil-mezzi tax-xandir kemm stampati kif ukoll awdjoviżivi u kif ukoll elettroniċi;

xi. to participate in and contribute actively to MEUSAC's information initiatives including, but not limited to, those in the printed and audiovisual media as well as electronically;

xii. li jikkollaboraw skont il-ħtieġa ma' taqsimiet oħra fi ħdan il-MEUSAC;

xii. to collaborate as necessary with the other Units within MEUSAC;

xiii. li jassistu u jikkollaboraw fl-immaniġġar tal-informazzjoni miġbura, maħżuna u mħaddma mill-MEUSAC f'rabta ma' programmi u inizjattivi relatati mal-UE;

xiii. to assist and collaborate in the management of information collected and stored and managed by MEUSAC related to EU programmes and initiatives;

xiv. li jassistu u jikkollaboraw biex jassiguraw li tingħata l-informazzjoni proprja dwar il-materji kollha ta' relevanza marbuta ma' materji tal-operat;

xiv. to assist and collaborate to ensure that appropriate briefing is provided on all issues of substance related to operational matters;

xv. li jiżguraw li s-servizzi u r-responsabbiltajiet marbuta ma' din il-pożizzjoni jitwettqu skont l-estimi approvati u skont iż-żmien stipulat;

xv. to ensure the delivery of the services and overall responsibilities of this position within the approved budgets and agreed timeframes;

xvi. li jwettqu dmirijiet oħra skont kif determinat minn żmien għal żmien mill-Kap, Fondi tal-UE u mill-Kap, MEUSAC.

xvi. to carry out other duties as may be determined from time to time by the Head EU Funding and by the Head, MEUSAC.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati lill-Kap tal-MEUSAC u mibgħuta bil-posta jew bl-idejn fl-uffiċċji tal-MEUSAC f'280 Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta VLT 1112 f'envelop issiġillat sa mhux iktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa, 21 ta' Awwissu, 2013. L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu wkoll elettronikament fl-indirizz (info.meusac@gov.mt). L-uffiċċji tal-MEUSAC jistgħu jiġu kuntattjati bit-telefown (00356) 2200 3300. L-Avviż sħiħ jista' jitniżżel mis-sit: (http://www.meusac.gov.mt).

Applications are to be addressed to the Head, MEUSAC and may be sent by post or delivered to MEUSAC offices at 280, Triq ir-Repubblika, Valletta VLT 1112 in a sealed envelope by not later than noon on Wednesday, 21st August, 2013. Alternatively applications can be sent via email on info.meusac@gov.mt. MEUSAC offices can be contacted via telephone on (00356) 2200 3300. The notice can be downloaded in full from: (http://www.meusac.gov.mt).

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Late applications will not be considered.

Is-26 ta' Lulju, 2013

26th July, 2013

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Post ta' *Locum Resident Specialist* fil-*Paediatric Surgery* fil-Ministeru għas-Saħħa

B'referenza għas-sejħa msemmija hawn fuq ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Lulju, 2013, ngħarrfu illi d-data tal-għeluq qed tiġi estiża sas-16 ta' Awwissu, 2013.

Is-26 ta' Lulju, 2013

MINISTRY FOR HEALTH

Post of Locum Resident Specialist in Paediatric Surgery in the Ministry for Health

With reference to the above mentioned call published in the Government Gazette of the 16th July, 2013 it is being notified that the closing date is being extended till the 16th August, 2013.

26th July, 2013

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Post ta' Kap ta' Dipartiment (Primarja) fid-Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-EdukazzjonI (DKSE)

Ritrattazzjoni

B'referenza għas-sejħa tal-applikazzjoni msemmija hawn fuq ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,113 tat-23 ta' Lulju, 2013, ngħarrfu illi din is-sejħa qed tiġi rtirata mill-Gazzetta tal-Gvern minħabba li din is-sejħa hija dipartimentali fejn Uffiċjali Pubbliċi biss jistgħu japplikaw.

Is-26 ta' Lulju, 2013

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Post of Head of Department (Primary) in the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE)

Retraction

With reference to the above mentioned call for applications published in Government Gazette No. 19,113 of the 23rd July, 2013, it is notified that this call is being retracted from the Government Gazette due to it being a departmental call where only Public Officers can apply.

26th July, 2013

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Post ta' Kap ta' Dipartiment (Suġġett/Grupp ta' Suġġetti/Oqsma) fid-Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni (DKSE)

Ritrattazzjoni

B'referenza għas-sejħa tal-applikazzjoni msemmija hawn fuq ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,113 tat-23 ta' Lulju, 2013, ngħarrfu illi din is-sejħa qed tiġi rtirata mill-Gazzetta tal-Gvern minħabba li din is-sejħa hija dipartimentali fejn Uffiċjali Pubbliċi biss jistgħu japplikaw.

Is-26 ta' Lulju, 2013

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Post of Head of Department (Subject/Group of Subjects/Areas) in the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE)

Retraction

With reference to the above mentioned call for applications published in Government Gazette No. 19,113 of the 23rd July, 2013, it is notified that this call is being retracted from the Government Gazette due to it being a departmental call where only Public Officers can apply.

26th July, 2013

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, INVESTIMENT U INTRAPRIŻI ŻGĦAR

Żvilupp u Ġestjoni ta' *Hub* Marittimu

Il-Gvern qiegħed fil-preżent jaħdem fuq sejħa internazzjonali sabiex is-sit ta' dak li qabel kien il-Marsa Ship Building jiġi żviluppat f'*hub* marittimu li jkun *state-of-the-art*.

F'konformità ma' dan l-iżvilupp, dawk il-partijiet kollha li għandhom xi drittijiet ta' kwalunkwe tip fuq dan is-sit huma mitluba sabiex minnufih jikkuntattjaw lill-*Privatisation Unit* fl-indirizz ta' hawn taħt sabiex jidentifikaw id-drittijiet li għandhom. Min għandu xi interess li jara ż-żona proġettata għal din il-konċessjoni għandu jmur l-uffiċċju tal-*Privatisation Unit*.

Min jonqos li jiddikjara sal-Ġimgħa 30 ta' Awwissu, 2013, li għandu xi drittijiet bħal dawn jista' jitlef b'mod irriversibbli d-drittijiet kollha li jista' jkun li għandu fuq dan is-sit.

Iċ-*Chairman*
Privatisation Unit
Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar
It-Torri tal-Arloġġ, Livell 1
Tignè Point,
Sliema TP 01
Malta.

Is-26 ta' Lulju, 2013

MINISTRY FOR THE ECONOMY, INVESTMENT AND SMALL BUSINESS

Development and Management of a Maritime Hub

The Government is at present engaged in an international call for the development of the former Marsa Ship Building site into a state-of-the-art maritime hub.

In line with this development, all parties who have any rights whatsoever over the site are instructed to contact immediately the Privatisation Unit at the address listed hereunder to identify the rights that they hold. Interested parties are to call at the office of the Privatisation Unit to view the intended area of the concession.

Failure to declare such rights by Friday, 30th August, 2013, may result in an irreversible loss of all rights over the site.

The Chairman
Privatisation Unit
Ministry for the Economy, Investment and Small Business
Clock Tower, Level 1
Tignè Point,
Sliema TP 01
Malta.

26th July, 2013

KUNSILLI LOKALI ĦAŻ-ŻABBAR

Sospensjoni tat-Traffiku u Pparkjar

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap.65), il-Kunsill Lokali flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija jgħarrfu li vetturi ma jistgħux jgħaddu u jieqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati:

Sa nhar il-Ħadd, 28 ta' Lulju, 2013 sal-5.00 a.m. minn Triq is-Santwarju u Misraħ tal-Madonna Medjatriċi

Is-26 ta' Lulju, 2013

ĦAŻ-ŻABBAR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħaż-Żabbar Local Council and the Commisioner of Police hereby notify that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones on the dates and times as indicated hereunder.

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Local Council and the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated

Till 5.00 a.m. of Sunday, 28th July, 2013, through Triq is-Santwarju and Misraħ tal-Madonna Medjatriċi

26th July, 2013

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-26 ta' Lulju, 2013

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of San Pawl il-Baħar.

SALV. GAUCI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

26th July, 2013

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, Il-Belt Valletta, nhar it-Tnejn, id-29, it-Tlieta, it-30 u l-Erbgħa, il-31, ta' Lulju, 2013 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-26 ta' Lulju, 2013

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, St Elmo Square, Il-Belt Valletta on Monday, 29th, Tuesday, 30th and Wednesday, 31st July, 2013 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of Councillor for the Local Council of San Pawl il-Baħar.

SALV. GAUCI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

26th July, 2013

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)
(A.L. 54 tal-2010)

Regolamenti tal-2010 dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), u kif stabbilit bir-regolament 4 tal-Avviż Legali Nru. 54 tal-2010, il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Membru tal-Kumitat Amministrattiv għall-Komunità ta' Burmarrad (San Pawl il-Baħar).

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-26 ta' Lulju, 2013

LOCAL COUNCILS ACT (CAP. 363)
(L.N. 54 of 2010)

Administrative Committees for Communities Regulations, 2010

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), and as established by regulation 4 of Legal Notice No. 54 of 2010, the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Member of the Administrative Committee for the Community of Burmarrad (San Pawl il-Baħar).

SALV. GAUCI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

26th July, 2013

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)
(A.L. 54 tal-2010)

Regolamenti tal-2010 dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, Il-Belt Valletta, nhar it-Tnejn, id-29, it-Tlieta, it-30 u l-Erbgħa, il-31 ta' Lulju, 2013 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Membru tal-Kumitat Amministrattiv għall-Komunità ta' Burmarrad (San Pawl il-Baħar).

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Is-26 ta' Lulju, 2013

LOCAL COUNCILS ACT (CAP. 363)
(L.N. 54 of 2010)

Administrative Committees for Communities Regulations, 2010

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, St Elmo Square, Il-Belt Valletta on Monday, 29th, Tuesday 30th and Wednesday, 31st July, 2013 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of a Member of the Administrative Committee for the Community of Burmarrad (San Pawl il-Baħar).

SALV. GAUCI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

26th July, 2013

COMPARATIVE RETURN OF REVENUE
for the period 1st January 2013 to 30th June 2013

		Budget 2013 €	Actual Revenue Jan - June 2013 €	Actual Revenue Jan-Dec 2012 €	Actual Revenue Jan - June 2012 €
REVENUE					
I	Customs and Excise Duties	236,850,000	75,573,983	155,790,296	81,592,007
Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Bank of Valletta plc (C2833) vs Chetcuti Bonavita Kurt et, rikors numru 435/13 AE, jinsab differit għas-smigħ għall-4 ta' Ottubru 2013, fit-8.45am.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Lulju 2013.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

The Sworn Application in the bnames Bank of Valletta plc (C 2833) vs Chetcuti Bonavita Kurt et, application number 435/13 AE, has been put off for hearing to the 4th October 2013, at 8.45am.

Registry of the Superior Courts, today 22nd July 2013.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1206

B'digriet tat-12 ta' Novembru, 2012 mogħti mill-Qorti tal-Prim Awla Ċivili (Malta), dina il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. fil-25 ta' Awwissu, 2010 qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' €3,254.02 depożitati biċ-ċedoli numru 1055/2010 fl-ismijiet:

Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud Vs Jason Sammut pro et noe

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-partijiet interessati li jkollhom erbat (4) ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Prim Awla Ċivili (Malta), illum 15 ta' Lulju, 2013.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 12th November, 2012 given by the First Hall of the Civil Courts, ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

That by the application filed by Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud on the 25th August, 2010 is asking for the withdrawal of the amount of €3,254.02 deposited by the Schedule of Deposit number 1055/2010 in the names of:

Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud Vs Jason Sammut pro et noe

The Court ordered the notification of this application with four (4) days for filing a replay.

Registry of the First Hall of Civil Courts (Malta), today the 15th July, 2013

MARVIC FARRUGIA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

1207

B' digriet mogħti, fis-16 ta' Lulju, 2013, mill-Bord li Jirregola l-Kera, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Blackley Co. Ltd. vs Edward Schembri et, rikors numru 72/13 GG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Edward Schembri et, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet Blackley Co. Ltd. C 5711 vs Edward Schembri ID 340663(M) u Leslie Schembri ID 715760(M) fil-25 ta' Ġunju 2013, ir-rikorrenti Blackley Co. Ltd. talbu lil dan l-Onorabbli Bord:

Jawtorizzahom ma ġġedux il-lokazzjoni tal-ħanut numru 1, Telgħet ta' Gwardamanġa, Pietà, fl-iskadenza li tmiss tal-10 ta' Marzu, 2014, u tawtorizzaha tirriprendi l-pussess esklussiv tiegħu u tiżgombra l-intimati fi żmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimat inġunt in subizzjoni.

By means of a decree given on the 16th July, 2013, by the Rent Regulation Board, in the records of the Sworn Application, in the names Blackley Co. Ltd. vs Edward Schembri et, application number 72/13 GG, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents Edward Schembri et, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Rent Regulation Board, in the names Blackley Co. Ltd. C 5711 vs Edward Schembri ID 340663(M) and Leslie Schembri ID 715760(M) on the 25th June, 2013, the applicant Blackley Co. Ltd., asked this Honourable Board:

To authorise them not to renew the lease of the shop number 1, Gwardamġa Hill, Pietà the next installment due is on the 10th March, 2014, and authorise them to take back the exclusive possession of it and evict the respondents within a short and peremptory period .

With costs, against the respondents summoned so that a reference to their evidence be made.

Rikorrenti: Bacchi, 42, Triq il-Marbat, Swieqi.

Intimati: a) Edward Schembri, Schabu, 44, Triq Ġużè Ellul, Gwardamanġa, PTA 1030.

b) Leslie Schembri, Sacro Cuor, 75, Triq Ta' Ġiorni, San Ġiljan.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Blackley Co. Ltd. vs Edward Schembri et, rikors numru 72/13 GG, jinsab differit għas-smigħ għall-14 ta' Ottubru 2013, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Bord tal-Kera) illum 24 ta' Lulju, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: Bacchi, 42, Triq il-Marbat, Swieqi.

Respondents: a) Edward Schembri, Schabu, 44, Triq Ġużè Ellul, Gwardamanġa, PTA 1030.

b) Leslie Schembri, Sacro Cuor, 75, Triq Ta' Ġiorni, St. Julian's.

The Application in the names Blackley Co. Ltd. vs Edward Schembri et, application number 72/13 GG, has been put off for hearing to the 14th October, 2013, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts (Rent Regulation Board) today 24th July, 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1208

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Lulju, 2013, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1921/13, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Untours Insurance Agents Limited et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Untours Insurance Agents Limited (bħala agenti tas-soċjetà estera QICI International LLC) u Anthony Mifsud ta' 160, Triq id-Duluri, Pietà, fl-24 ta' Ġunju, 2013, Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited ta' La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Joseph Spiteri, abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Liġi, u l-istess Joseph Spiteri (KI 641556M), filwaqt illi jagħmlu referenza għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fil-14 ta' Awwissu 2011 għall-ħabta tas-1.30 a.m. fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Ġiljan, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LGY 202 assigurata minnek Untours Insurance Agents Limited (bħala agenti tas-soċjetà estera QICI International LLC) u misjuqa minnek Anthony Mifsud fil-ħin tal-akkadut, u l-vettura proprjetà tal-mittenti Joseph Spiteri bin-numru ta' registrazzjoni DNL 608, jinterpellawkom b'mod in solidum bejnietkom sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha minnhom sofferti bħala riżultat tal-imsemmi inċident, liema inċident seħħ unikament minħabba traskuraġni, negliġenza, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek Anthony Mifsud.

Il-mittenti jinformawkom illi f'każ illi t-terminu lilkom mogħti jgħaddi inutilment, huma ma jkollhom ebda alternattiva oħra għajr li jipproċedu ulterjorment fil-konfront tagħkom bil-mezzi kollha li trid il-Liġi.

Tant sabiex tagħrfu tirregolaw ruħkom u biex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 19th July, 2013, in the records of the judicial letter number 1921/13, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Untours Insurance Agents Limited et, ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents, in terms of Article 187(3) of Chap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Untours Insurance Agents Limited (as agents of the foreign company QICI International LLC) and Anthony Mifsud of 160, Triq id-Duluri, Pietà, on the 24th June, 2013, Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) for and on behalf of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited of La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex and this as subbrogated in the rights of its insured Joseph Spiteri, on the basis of a comprehensive type of policy and of law and the same Joseph Spiteri (ID 641556M), whilst refering to the car accident which occured on the 14th August 2011 at about 1.30a.m. in Triq Mikiel Anton Vassalli, San Ġiljan between the vehicle registration number LGY 202, insured by Untours Insurance Agents Limited (as agents of the foreign company QICI International LLC) and driven by you Anthony Mifsud at the time of the accident and the vehicle property of the applicant Joseph Spiteri with registration number DNL 608, calls upon you in solidum between you so that within three (3) days you come forward for the liquidation and payment of damages suffered as a result of the said accident, which accident occured solely because of your carlessness, negligence and lack of observance of the traffic regulations on your part Anthony Mifsud.

The interpellant informs you that in case that the time given to you passes uselessly, they will have no alternative but to proceed furtherly against you by all means given by Law.

So much for your own guidance and to avoid costs and further procedures.

Din l-ittra qiegħda issir senjatament, iżda mhux limitatament għall-iskopijiet ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni u ai termini tal-Kap. 12 u Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u interessi legali.

Reġistru Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 26 ta' Lulju , 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

This judicial letter is being made particularly, but not limitedly, for the purpose of interrupting prescription in terms of Chap. 12 and Chap. 16 of the Laws of Malta.

With costs and legal interest.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 26th July 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1209

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrent Nathaniel Caruana (K.I. Nru. 224993M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 139/13RGM) fejn talab il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Faith Grixti li jġib in-numru 3038/2013 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 23 ta' Lulju 2013

CORA AZZOPARDI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Nathaniel Caruana (I.D. 224993M) filed an application under oath (No. 139/13RGM) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH of the minor child Faith Grixti number 3038/2013 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 23rd of July 2013

CORA AZZOPARDI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1210

B'digriet mogħti, fit-2 ta' Lulju 2013, mill-Qorti tal-Appell, fl-atti tar-Rikors tal-Appell, fl-ismijiet George Schembri vs Mark Portelli, rikors numru 1602/93 AF, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat George Schembri, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors tal-Appell, ippreżentat, fil-Qorti tal-Appell, fil-kawża fl-ismijiet Ċitazzjoni numru 1602/93 AF George Schembri vs Mark Portelli, Deċiż 10 ta' April 2013, ir-rikorrenti Mark Portelli, espona bir-rispett;

By means of a decree given, on the 2nd July 2013, by the Court of Appeal, in the records of the Appeal, in the names George Schembri vs Mark Portelli, application number 1602/93 AF, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent George Schembri, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Appeal Application, filed, in the Court of Appeal, in the cause in the names Writ of Summons number 1602/93 AF, George Schembri vs Mark Portelli, Decided 10 th April 2013, the applicant Mark Portelli, respectfully pleaded;

Illi permezz ta' ċitazzjoni fl-ismijiet fuq premessi, l-attur George Schembri issa appellat, wara li ppremetta illi huwa kien impjegat mad-ditta Raffaele Portelli and Sons (1917) proprjetà tal-konvenut Mark Portelli, issa esponent ossija appellant, u ġestita mill-istess esponent, talab l-Ewwel Qorti, sabiex tikkundanna lill-esponent iħallsu s-somma ta' €1,153.72, rappreżentanti bilanċ ta' differenza fil-paga, bonus, allowance leave u commission allegatament dovuti lill-istess appellat mill-esponent;

That by means of a writ of summons in the names above premised the plaintiff George Schembri, now respondent, after having premised that he was employed with the firm Raffaele Portelli and Sons (1917) property of the defendant Mark Portelli, now interpellant or rather applicant, and operated by the same appellant, asked the Court of First Instance, to condemn the appellant to pay him the sum of €1,153.72 representing, balance of difference in the salary, bonus, allowance, leave and commission allegedly due to the same respondent by the appellant;

Illi permezz tan-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu l-esponent, eċċepixxa fost oħrajn, illi huwa ma jinstabx debitur lejn l-appellat, billi kwalsiasi paga, bonus, allowance, leave u commission talvolta dovuti lill-appellat u naxxenti mill-impieg tiegħu mal-esponent, kienu tħallsu kollha mat-terminazzjoni tal-impieg tiegħu tal-istess appellat.

That by means of his note of pleas the appellant, pleaded amongst others that he was not a debtor of the respondent, as any wages, bonus, allowance, leave and commission which may be due to the respondent and resulting from his employment with the appellant, had been paid at the termination of his employment, of the same respondent.

Illi permezz tas-sentenza tal-10 ta' April 2013, l-Ewwel Qorti, iddeċidiet din il-vertenza bil-mod segwenti;

That by means of a judgement of the 10th April 2013, the Court of First Instance decided this dispute in the following manner;

'Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lil Mark Portelli jħallas lil George Schembri s-somma ta' (€1,153.72).

'Thus the Court decides by whilst rejecting the second plea of the defendant it upholds the demand of the plaintiff and condemns Mark Portelli, pays George Schembri the sum of (€1,153.72).

L-ispejjeż, tal-kawza jitħallsu minn Mark Portelli.

The costs of the cause are to be paid by Mark Portelli.

Illi l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni msemmija wara li addottat fl-intier tagħhom il-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Perit Legali, kif dedotti fir-relazzjoni relattiva.

That the Court of First Instance reached this decision after it adopted in their entirety the considerations and conclusions of the Legal Referee, as deducted in the relative report.

Illi l-esponent ħass ruħu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk qed jinterponi dan l-umli appell;

That the appellant feels aggrieved with the said judgement and is thus filing this humble appeal;

Illi fil-fehma umli tal-esponent, il-Perit Legali, u konsegwentement l-ewwel Qorti, arrekat preġudizzju gravi lid-drittijiet tiegħu meta marret kontra ċertu kanoni ta' dritt u proċedura li huma ben stabbiliti fis-sistema legali tagħna.

That in the humble opinion of the appellant, the Legal Referee, and consequently the Court of First Instance, caused grievous prejudice to his rights when it went against certain norms of law and procedure which are well established in our legal system.

Illi fil-fatt l-aġġravji tal-esponent huma ċari u manifesti u jikkonsistu sintekament fis-segwenti:

That infact the grievances of the appellant are clear and manifest and consist in the following:

1. L-Ebda Ammont Dovut.

1.No Amount is Due.

Illi irriżulta ċar mill-provi prodotti, kif ġie debitament rikonoxxut mill-abbli Perit Legali u konsegwentement mill-Ewwel Qorti, illi mat-terminazzjoni tal-impieg tal-appellat l-istess appellat, kien għad-fadallu jitħallas l-ammont ta' €1,447.22, mingħand l-esponent, iżda peress illi l-esponent kien ħallas l-ammont ta' €232.94 u €60.56 , f'perjodu wara l-istess terminazzjoni t-talba tal-appellat ġiet ridotta għas-somma ta' €1.153.72.

That it clear results from the proof produced as duly acknowledged by the able Legal Referee and by the Court of First Instance, that with the termination of the employment of the respondent, the same respondent was still owed the amount of €1,447.22, from the appellant, but because the appellant had paid the amount of €232.94 and €60.56, during a period following the same termination, the demand of the respondent was reduced to the sum of €1,153.72.

...omissis...

Illi l-abbli Perit Legali kkonkludiet kif għamlet l-Ewwel Qorti, illi t-tieni eċċezzjoni tal-esponent ossija l-ammont mitlub mill-appellat kien ġja' ħallas kellha tiġi miċħuda u dan prinċipalment għas-segwenti raġunijiet:

...omissis...

ii. Ix-xhieda ta' John Bajjada prodott mill-konvenut mhix waħda affidabbli u ma tixtax tistrieħ fuqha;

L-abbli Perit Legali, sostniet illi dan ix-xhud deher konfuż, idum ħafna biex jirrispondi domandi sempliċi u deher donnu qed jibza'u spiss iħares lejn l-esponent qabel jirrispondi d-domandi.

...omissis...

Fl-opinjoni umli tal-esponent dak rapportat mill-Perit Legali, u li straħet fuq l-Ewwel Qorti, mhux rifless fil-verbali tas-seduti;

Apparti minn hekk mit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' din ix-xhud ma jirriżulta xejn inċert jew approssimattiv iżda tirrizulta deposizzjoni ċara u diretta li tagħti stampa eżatta ta' dak li effettivament ġara bejn il-kontendenti odjern.

...omissis....

Għalkemm l-atteġġjament ta' xhud waqt li jkun qiegħed jixhed għandu r-rilevanza tiegħu, biex ġudikant jasal li jiskarta deposizzjoni li tikkostitwixxi prova bażilari ta' wieħed mill-kontendenti, f'ċirkustanzi fejn ix-xhud u l-appellat kienu t-tnejn impjegati tal-esponent u t-tnejn li huma ma kinux għadhom impjegati miegħu - irid ikun attentissimu fl-interpretazzjoni tad-diportament tax-xhud u f'każ li tirriżulta xi ċirkustanza waqt id-deposizzjoni li tista' timpinġi fuq il-kredibbiltà tax-xhud tali ċirkutanza għandha tiġi redatta b'verbal appositu.

Salv għal dak hawn fuq premess tali verbal fil-każ odjern ma sarx.

Apparti minn hekk l-esponent bir-rispett jagħmel referenza għal paragrafu 154 tar-relazzjoni tal-abbli Perit Legali, fil-kawża bejn l-istess kontendenti, mibdija b'ċitazzjoni 24/94 AF fl-ismijiet inversi ...omissis... li fih l-istess Perit Legali donnha ħasset illi x-xhud John Bajjada, kellu jixhed u jelabora iżjed dwar l-allegazzjonijiet ta' George Schembri.

Fil-fatt l-abbli Perit Legali sostniet testwalment is-segwenti f' dan ir-rigward;

...omissis...

That the able Legal Referee concluded as did the Court of First Instance, that the second plea of the appellant or rather the amount demanded by the respondent had already been paid and should be rejected and this principally for the following reasons:

...omissis...

ii. The evidence of John Bajjada produced by the defendant is not trustworthy and cannot be relied on;

The able Legal Referee upheld that this witness appeared confused, takes a long time to answer simple questions and appeared frightened and frequently looks to the appellant before answering the questions.

...omissis...

In the humble opinion of the appellant that reported by the Legal Referee and on which the Court of First Instance relied, is not reflected in the minutes of the sittings;

Apart from this the transciption of the evidence of this witness does not result uncertain or approximative but to be a clear deposition and directed to give an exact picture of what effectively took place between the present parties.

...omissis...

Although the behaviour of a witness whilst testifying has its relevance, in order that an Adjudicator avoids a deposition which constitutes a basic proof of one of the contending parties, in circumstances whereby the witness and the respondent are both employees of the apppellant and are both no longer employed with him he has to be very careful in the interpretation of the behaviour of the witness and in case that there results a circumstance during the depostion which can affect the credibility of the witness such circumstance should be drawn up by a separate minute.

Saving that above premised such minute was not made in the present cause.

Apart from this the appellant with all respect refers to paragraph 154 of the report of the able Legal Referee, in the cause between the same parties, commenced by means of writ of summons 24/94 AF, in the inverted names ...omissis... within which the same Legal Referee felt that the witness John Bajjada had to testify and elaborate further regarding the allegations of George Schembri.

In fact the able Legal Referee textually upheld the following in this regard;

'L-esponenti jidhrilha li n-nuqqas assolut da parti tal-attur li jieħu konferma mingħand ix-xhud tiegħu John Bajjada, dwar jekk l-oġġetti mertu ta' din il-kawża ġewx ritornati lura lilu jew le mingħand il-konvenut huwa nuqqas serju għaliex din kellha tkun prova principali f'din il-kawża'.

Bid-dovut rispett, hawnhekk si tratta tal-istess xhud ossija l-istess John Bajjada u l-istess affidavit ossija l-istess xhieda mogħtija mill-istess xhud u kwindi hija kontradizzjoni lampanti da parti tal-abbli Perit Legali, li filwaqt illi tgħid illi dan ix-xhud mhux ta' min wieħed joqgħod fuqu fil-kawża odjerna, tikkwalifika bħala nuqqas serju da parte tal-esponent odjern li fil-kawża l-oħra citata 24/94 AF li ma ħax konferma, ossija ma bbażax it-teżi tiegħu b'mod aktar konkret, fuq ix-xhieda mogħtija mill-istess John Bajjada, kif addrittura għamel fil-każ odjern.

Finalment l-esonent jagħmel umli referenza għall-aħħar paragrafu tal-affidavit tax-xhud John Bajjada, fejn huwa spjega illi huwa kien ġie avviċinat mill-appellat sabiex fil-kawża odjerna 'kontra Mark Portelli' u cjoé kontra l-esponent u dan f'ċirkustanzi fejn l-istess appellat kellu jgħidlu x'għandu jgħid fid-depożizzjoni tiegħu.

...omissis...

Madanakollu dan żgur illi ma kellux iwassal sabiex ix-xhieda mogħtija minnu tiġi kkunsidrata bħala tali li 'mhijiex waħda affidabbli u li għalhekk ma tistax tistrieħ fuqha 'kif ikkonkludiet l-abbli Perit Legali u konsegwentement kif ikkonkludiet ukoll l-Ewwel Qorti'.

(iii) Gjaladraba l-esponent sostna fl-affidavit tiegħu 'illi setgħet tinqala' xi problema' huwa messu talab xi forma ta' irċevuta mingħand l-appellat'.

L-esponent sostna illi huwa kien ħallas l-ammont kollu dovut lill-appellat ġewwa l-uffiċċju tad-ditta Raffaele Portelli and Sons (1917) u dan fil-preżenza wkoll ta' John Bajada u dan tal-aħħar minn naħa tiegħu kkonferma dan il-fatt.

iv. Oliver Pulis, prodott mill-esponent ma kkonfermax illi l-appellat kien stqarr miegħu illi huwa kien tħallas kollox.

Fl-opinjoni umli tal-esponent ix-xhieda mogħtija minn Oliver Pulis ma kellhiex tiġi meqjusa bħala waħda li ddgħajjef il-verżjoni tiegħu, iżda waħda li tikkonferma il-korrettezza tal-istess esponent.

...omissis...

Oliver Pulis fil-fatt iddikjara s-segwenti;

'The interpellant is of the opinion that the absolute default on the part of the plaintiff to take a confirmation from his witness John Bajjada, regarding whether the objects merit of this casue were returned to him or not from the defendant is a serious deficiency because this had to be the principal proof in this cause'.

With the due respect, here it is a case of the same witness or rather the same John Bajjada and the same affidavit or rather the same evidence given by the same witness and thus it is a clear contradiction on the part of the able Legal Referee, that whilst stating that this witness is not to be relied on in the present cause, she qualifies as a serious default on the part of the present appellant in the other cause mentioned 24/94 AF which was not confirmed, or rather did not base her thesis in a more solid form, on the evidence given by the same John Bajjada, as he did in the present case.

Finally the appellant, makes humble reference to the last paragraph of the affidavit of the witness John Bajjada, whereby he explained that he had been approached by the respondent so that in the present cause 'against Mark Portelli' and namely against the interpellant and this in circumstances where the same respondent had to tell him what to say in his deposition'.

...omissis...

However this should not have brought about so that the evidence given by him be considered as such as 'not being trustworthy and cannot be relied upon' as concluded by the able Legal Referee and consequently as concluded also by the Court of First Instance'.

(iii) Once the appellant upheld in his affidavit 'that a problem could have cropped up' he should have asked for some form of receipt from the respondent'.

The appellant, upholds that he had paid all the amount due to the respondent in the office of the firm Raffaele Portelli and Sons (1917) and this in the presence also of John Bajjada and the latter on his part also confirms this fact.

iv. Oliver Pulis, brought forward by the appellant did not confirm that the respondent had declared with him that he had been paid everything.

In the humble opinion of the appellant the evidence given by Oliver Pulis, should not have been considered as one to weaken his version, but one which which confirms the correctness of the appellant.

...omissis...

Oliver Pulis infact declared the following;

'Dan George Schembri qatt ma sostna ma' Mark Portelli illi huwa kien konvint mis-somma li kien qed jippretendi minn għandu għaliex ma kienx wieġeb għall-kumment tas-Sur Portelli, illi huwa kien gja' ħa dawn il-flus'

Apparti minn hekk l-istess xhud sostna testwalment kif gej fl-affidavit tiegħu;

'Niftakar illi s-Sur Portelli kien qed isostni ma' George Schembri illi kellu jtih biss ammont żgħir ta' flus ċifra żgħira ta' mhux aktar minn €69.88 iżda George Schembri kien irrispondih illi huwa kien mexa fuq il-parir tal-Labour Office biex iniżżel kollox u 'mbagħad naraw'.

Is-suespost kellu jikkonferma t-teżi tal-esponent.

Fil-fatt dan ġie konfermat ukoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) presejudta mill-Magistrat Dottor Silvio Meli, illum Imħallef, fejn l-esponent odjern kien ġie akkuzat illi ma ħallasx lill-appellat l-ammont tal-esponent kien ġie lliberat mill-akkuzi kollha dedotti kontrih, salv għal dak li jirrigwarda l-ammont ta' €60.56.

...omissis...

Illi fil-fehma umli tal-esponent sabiex wieħed jistabbilixxi liema verzjoni hija dik l-iżjed versomili u kredibbli kien ikun utili wkoll illi tingħata ħarsa lejn ix-xhieda mogħtija mill-appellat in kontro-eżami kif redatta f'paragrafi numerati fir-relazzjoni tal-abbli Perit Legali, fejn wieħed isib is-segwenti;

...omissis...

Illi l-appellat sostna s-suespost bil-ġuramenmt tiegħu u dan in sostenn tat-talbiet attriċi li kellhom jiġu ppruvati skont il-grad rikjest mil-liġi.

Illi huwa ċar u manifest illi tali deposizzjoni ma tantx tagħmel ġiħ għat-teżi tal-appellat liema teżi però ġiet tenuta aktar versomili u kredibbli minn dik tal-esponent. U dan meta rriżulta ċar u manifest illi l-istess appellat huwa totalment konfuż dwar diversi aspetti, bħal 'leave' u ħlasijiet li kienu jsiru mill-esponent, f'ċirkustanzi fejn tali aspetti huma pjuttost determinanti għat-talbiet kif minnu dedotti fiċ-ċitazzjoni promutorja tal-kawża.

Illi tali provi jikkonsistu fost oħrajn fis-segwenti:

i ...omissis...

ii ...omissis....

'The said George Schembri never upheld with Mark Portelli that he was convinced from the sum he was expecting from him because he had not replied to the comment of Mr. Portelli, that he had already taken this money'.

Apart from this the same witness upheld textually as follows in his affidavit;

'I remember that Mr. Portelli, was upholding with George Schembri that he owed him only a small amount of money, a small sum of not more than €69.88 but George Schembri, had replied to him that he had followed the advice of the Labour Office to note down everything and 'then we shall see'.

The above had to confirm the thesis of the appellant.

Infact this was confirmed by the judgement of the Court of Magistrates (Malta) presided by Magistrate Dr. Silvio Meli, now a Judge, whereby the present appellant had been accused that he had not paid the respondent the sum of €1447.22 the appellant had been freed from all the charges brought against him, except that relating to the amount of €60.56.

...omissis...

That in the humble opinion of the appellant in order that one may establish which version is more likely and credible it would have been useful that the evidence given by the respondent in cross-examination in paragraphs enumerated in the report of the able Legal Referee where one finds the following is given;

...omissis...

That the respondnt upholds the above by his oath and this in support of the plaintiff's demands which had to be proved according to the grade required by law.

That it is clear and manifest that such deposition does not do much honour to the thesis of the respondent which thesis however was held more likely and credible from that of the appellant. And this when it results clear and manifest that the same respondent is totally confused regarding various aspects such as 'leave' and payments which were made by the appellant, in circumstances where such aspects are rather determining to the demands as brought forward by him in the original writ of summons of the cause.

That such proof consists amongst others in the following:

i ...omissis...

ii ...omissis....

iii. Saret riferenza wkoll inkluż fl-affidavit tal-esponent għall-kawza kriminali fl-ismijiet' Il-Pulizija vs Mark Portelli' deċiza mill-Maġistrat, illum Imħallef Dottor Silvio Meli, nhar it-13 ta' Lulju 1993.

Fil-fatt ġie kkonfermat mix-xhud Mario Caruana, nhar it-18 ta' Marzu 1999, bħala l-uffiċjal tad-Dipartiment tax-Xogħol, li assista lill-prosekuzzjoni f' dak il-każ, illi l-esponent kien ġie lliberat mill-akkużi dedotti kontra tiegħu salv ghal dak li għandu x' jaqsam mas-somma ta' €60.56.

...omissis...

Fil-fatt l-esponent kien ġie kkundannat iħallas biss is-somma ta' €60.56 rappreżentanti €1.16 żieda fil-paga matul is-sena 1992 mis-somma kumplessiva ta' €1447.22.

iv. Affidavit ta' Oliver Pulis, li gja' saret referenza għalih f'dan l-appell flimkien ma' affidavit ta' Connie Mizzi, li permezz tiegħu dan ix-xhud ikkonfermat illi l-commission dovuta lill-appellat mill-esponent dejjem tħallset kif suppost.

Illi fid-dawl tas-suespost l-esponent huwa tal-umli fehma illi d-difiza tiegħu ġiet pruvata ampjament u li għalhekk kellu jirriżulta ċar illi l-ebda ammont ma hu dovut minnu lill-appellat u dan billi fost oħrajn il-verżjoni tiegħu kienet fil-fatt dik il-verżjoni li kellha tiġi tenuta bħala l-waħda li hija l-iżjed versomili u kredibbli.

Illi għal dawn ir-ragunijiet l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi sabiex prevja li tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu tiċħad it-talbiet attriċi kif dedotti.

ii. Imgħaxijiet.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Ewwel Qorti, ikkundannat lill-esponent sabiex iħallas flimkien mas-somma ta' €1,153.72, l-imgħaxijiet kif mitluba fiċ-ċitazzjoni tal-kawża.

Illi effettivament l-appellat kien talab l-imgħaxijiet mid-data tal-preżentata tal-imsemmija ċitazzjoni, ossija mill-21 ta' Diċembru 1993, sad-data tal-pagament effettiv;

Illi s-suespost ifisser illi skont is-sentenza tal-Ewwel Qorti, l-esponent ġie kkundannat iħallas €1,153,72, bħala sorte flimkien ma' ċirka għoxrin (20) sena imgħax fuq l-istess somma, liema imgħax jammonta għas-somma ta' ċirka €1,845.96 u cjoè għal aktar mill-istess sorte.

Illi din il-parti tas-sentenza appellata hija fil-fehma umli tal-esponent skorretta billi kwalsiasi mgħaxijiet talvolta dovuti mill-esponent m'għandhom qatt ikunu aktar mis-sorte;

iii. Reference was also made including the affidavit of the appellant in the criminal proceedings in the names ' The Police vs Mark Portelli' decided by Magistrate, now Judge Dr Silvio Meli, on the 13 th July 1993.

In fact it was confirmed by the witness Mario Caruana, on the 18th March 1999, an official of the Labour Office, which assisted in the prosecution in that cause, that the appellant had been freed from all the charges brought against him saving the sum of €60.56.

...omissis...

Infact the appellant, had been condemned to pay only the sum of €60.56 representing €1.16 increase in wages during the year 1992 from the global sum of €1447.22.

iv. Affidavit of Oliver Pulis, to which reference was made in this appeal together with an affidavit of Connie Mizzi, in virtue of which the witness confirmed that the commission due to the respondent by the appellant had always been paid as due.

That in the light of the above the appellant is of the humbly opinion that his defence was amply proved and thus it clearly results that no amount is due by the respondent and this as amongst others his version was that version which should have been retained as likely and credible.

That for these reasons the appellant is of the humble opinion that the Court of First Instance, had to pass on so that saving the upholding of his plea, it rejects the plaintiff's demands as deduced.

ii. Interests.

That without prejudice to the above, the Court of First Instance, condemned the appellant, to pay together with the sum of €1,153.72, the interests, as demanded in the writ of summons of the cause.

That effectively the respondent had asked that the interests from the date of filing of the said writ of summons or rather the 21st December 1993, till the date of effective payment;

That the above means that according to a judgement of the Court of First Instance, the appellant, was condemned to pay €1,153.72 as capital together with interest for about twenty (20) years interest on the same sum, which interests amount to the sum of ċirka €1,845.96 and namely more than the same capital.

That this part of the judgement appealed is in the humbly opinion of the appellant incorrect as any interests which may be due by the appellant should never exceed the capital;

Għaldaqstant l-esponent filwaqt illi jagħmel referenza għax-xhieda u għad-dokumenti kollha esebiti u filwaqt illi jirriżerva d-dritt illi jressaq provi u xhieda ulterjri skont il-ligi, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, tilqa' dan l-appell u tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tal-10 ta' April 2013, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet premessi u tirriforma s-sentenza appellata, kif mitlub f'dan ir-rikors, bl-ispejjeż, kemm tal-ewwel istanza u kif ukoll tal-preżenti istanza a karigu tal-istess appellat.

Esponent: Raffaele Portelli & Sons (1917), 78/79, Merchants Street, Valletta.

Appellat: Shilly Sally, Triq il-Molletta, Swieqi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 23 ta' Lulju 2013.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Thus the applicant whilst referring to the evidence and all the documents exhibited and whilst reserving the right to bring forward further proof and evidence according to law, respectfully ask this Honourable Court, whilst upholding this appeal,to cancel and revoke the judgement appealed, of the 10th April 2013, given by the First Hall Civil Court, in the names premised and reform the judgement appealed, as demanded in this application, with costs both of the first instance and of the present instance at the charge of the same respondent.

Appellant: Raffaele Portelli & Sons (1917), 78/79, Merchants Street, Valletta.

Respondent: Shilly Sally, Triq il-Molletta, Swieqi.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 23 rd July 2013.

ADV.FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1211

B' digriet mogħti, fil-31 ta' Mejju, 2013, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja),fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Zahra Orazio vs Zahra Catherine, rikors numru 65/13 RGM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Catherine Zahra, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Orazio Zahra (ID 44161M) vs Catherine Zahra (ID 154859M) fis-6 ta' Frar, 2013, ir-rikorrenti Orazio Zahra, detentur tal-karta tal-identità numru 744161M, ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta talab lil din l-Onorabbli Qorti:

a) Tiddikjara li ż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar l-15 ta' Mejju 1982 jiġi maħlul u ddikjarat bħala xolt u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Rikorrent: Orazio Zahra, Marine Court, Block D, Flat 8, Triq il-Gidwet, Marsaskala.

Intimat: Catherine Zahra, 154, Triq Manuel de Vilhena, Gżira.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Zahra Orazio vs Zahra Catherine, rikors numru 65/13 RGM, jinsab differit għas-smigħ għat-8 ta' Ottubru 2013, fid 9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 24 ta' Lulju, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given, on the 31st May, 2013, by the Civil Court (Family Section) in the records of the Sworn Application, in the names Zahra Orazio vs Zahra Catherine, application number 65/13 RGM, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Catherine Zahra, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Orazio Zahra (ID 44161M) vs Catherine Zahra (ID 154859M) on the 6th February, 2013, the applicant Orazio Zahra, holder of identity card number 744161M, in terms of Article 66A of Cap. 16 of the Laws of Malta asked this Honourable Court:

a)To declare that the marriage contracted betwen the parties on the 15th May 1982 be dissolved and declared as dissolved and uphold the other demands in the application.

Applicant: Orazio Zahra, Marine Court, Block D, Flat 8, Triq il-Gidwet, Marsaskala.

Respondent: Catherine Zahra, 154, Triq Manuel de Vilhena, Gżira.

The Sworn Application in the names Zahra Orazio vs Zahra Catherine, application number 65/13 RGM, has been put off for hearing to the 8th October 2013, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 24th July, 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*